MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1754/2004

**Citadel Insurance p.l.c., kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Antonio Vella, sija bil-polza u sija bil-Ligi, u l-istess Antonio Vella**

**vs**

**Kim Rose Pace u b'digriet tal-15 ta' Novembru, 2005 is-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited giet ammessa tintervjeni fil-kawza.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Settembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u disgha**

**u disghin Lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm299.66), jew somma ohra verjuri li jakkorda t-Tribunal, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tal 25 ta' Lulju 2002 fi Triq Sant'Antnin, Marsascala, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAB-269 misjuqa minn Anthony Vella u proprjeta` tal-istess Anthony Vella, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBF-109 misjuqa mill-konvenuta, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja, u Nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta.**
**Il-konvenuta ghalkemm interpellata, anke permezz ta' ittra ufficjali tal-11 ta' Marzu, 2004, baqghet inadempjenti.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Marzu, 2004 prezentata kontra l-konvenuta, u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenuta ai termini tal-Kap.104 tal_Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fil-21 ta' Novembru, 2005 mill-konvenuta, fejn intqal:**
**i. illi t-talba atrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**ii. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi l-incident awtomobilistiku tal-25 ta' Lulju, 2002 sehh minhabba tort unikament imputabbli lill-attur Antonio Vella;**
**iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa wiehed esagerat.**

**Ra r-risposta prezentata fit-30 ta' Novembru, 2004, mis-socjeta` intervenuta fil-kawza, fejn intqal illi l-eccipjenti socjeta` intervenuta fil-kawza Fogg Insurance Agencies Limited ma tistax tigi tenuta illi taghmel tajjeb ghad-danni reklamati mis-socjeta` attrici, ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u**

**dan stante illi l-konvenuta ma kienetx koperta mill-polza ta' assikurazzjoni relativa ghall-vettura EBF-109 fiz-zmien meta sehh l-incident de quo u dan kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-disfensuri tal-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni.**

**Ikkunsidra:**

**1. Il-kaz jirrigwarda incidetn awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' Lulju, 2002 fi Triq Sant'Antnin, Marsascala, bejn il-vettura tal-attur DAB-269 u l-vettura tal-konvenuta EBF-109.**

**2. Il-konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni bid-dekors ta' sentejn.**

**3. Kienet giet prezentata ittra ufficjali fl-10 ta' Marzu, 2004, pero` din ma gietx notifikata. Din il-kawza infethet fis-16 ta' Settembru, 2004, u cioe` wara li kienu ghaddew is-sentejn imsemmija.**

**4. Il-punt li jrid jigi kunsidrat huwa jekk l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, cioe fejn jintqal "illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa wiehed esagerat" tammontax ghall-ammissjoni in parti li ghandha l-effett li tinterrompi l-perijodu preskrittiv.**

**5. It-Tribunal qed jaghmel referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet dettaljata u studjata. Hemmhekk issiir referenza ghal dak li intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sens illi: "….ikun hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni u kwindi rinunzja ghall-istess meta d-debitur ma jichax li hu debitar, ixda jikkontesta l-ammont li jun gie mitlub." (Alfred Cauchi vs Joseph Xuereb PA – 09-10-2003).**

**6. Issir referenza ukoll ghall dak li ddecidiet il-Qorti tal-Appell –Sede Inferjuri (per Onor. Imhallef P. Sciberras) fil-kawza fl-ismijiet Tabone qabel Stellini Mary Rose vs Vassallo Silvio pro et noe, fejn intqal fost ohrajn: "……fejn id-debitur ma jichadx id-dejn imma semplicement jikkontesta l-quantum ta' l-**

**ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri." (Fl-istess sens: Ramel u Zrar Limited vs Mixer Limited et dec: PA 1394/00JRM 22-04-2004).**

**7. Qed issir ukoll referenza ghall dak li gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Aluminium Limited vs Earli Limited deciza fis-16 ta' Frar, 2004, fejn inghataw eccezzjonijiet simili, u fejn saret referenza ghall-decizjoni ohra fl-ismijiet Guido J. vella A & CE vs Dr Emanuel Cefai LL.D deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001, fejn intqal: "L-eccezzjoni tal-appellant illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohra fosthom dik tal-preskrizzjoni, l-ammont mitlub mill-attur appellat kien esagerat u mhux dovut lila fl-ammont minnu mitlub, hi inkonsistenti mal-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Din it-tielet eccezzjoni ma tistax ma tinftiehemx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu imma li [hemm] kontestazzjoni tal-quantum."**

**8. fl-ahhar nett issir referenza ukoll ghad-decizjoni fl-ismijiet Maltacom plc vs John Scriha (Dec 30-04-1003 PA NC), fejn saret referenza ghall dak li jghid it Troplong fir-rigward: "Vi ha rinunzia tacita alla prescrizione quando il debitore, senza negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, e l-espressione usata dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore ma non riconosceva essere esatta la somma."**

**9. Tenut kont ta' dak li ntqal l-eccezzjoni moghtija fejn qed jinghad "illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub huwa wiehed esagerat" ma tistghax hlief titqies bhala interuzzjoni tal-perijodu preskrittiv.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni sollevata li l-azzjoni hi preskritta a tenur tal-Artikolu 2152 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u jordna l-prosegwiment fil-mertu.**
**L-ispejjez ta' dina d-decizjoni ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------